# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**
**ONOR. IMĦALLEF IAN SPITERI BAILEY**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Frar, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1107/23/1 DC**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 1394/2023 fl-ismijiet:

**Husnu Erdogdu debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv. Dr Sarah Sultana**

**v.**

**Videoslots Limited (C 49090)**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors tal-21 ta' Ġunju, 2023 l**-appellat Husnu Erdogdu rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Av. Dr. Sarah Sultana [l-Appellat],** talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex toħroġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra **s-soċjetà appellanti Videoslots Limited [l-**

**Appellanti jew is-Soċjetà Appellanti].** Bħala titolu eżekuttiv invoka sentenza mogħtija mill-Qorti fl-Awstrija. Mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv l-appellat annetta kopji awtentikati tas-sentenza msemmija kif ukoll ic-Ċertifikat Annex 1 maħruġ mill-Qorti Awstrijaka *ai termini* tal-Artikolu 53 tar-**Regolament Ewropew numru 1215/2012** (**Brussels I Recast**).

2. Il-Qorti Ċivili Prim'Awla caħdet ir-rikors b'digriet tad-19 ta' Lulju, 2023 fejn invokat Artikolu 56A tal-Kap. 583. Talba mill-appellat sabiex il-qorti tirrikonsidra d-deċiżjoni tagħha ġiet miċħuda b'digriet 26 ta' Lulju, 2023.

3. L-appellat għadda sabiex fit-3 ta' Awwissu 2023 jippreżenta rikors ieħor għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Din id-darba t-talba ġiet milqugħha u l-Qorti Ċivili Prim'Awla presjeduta minn ġudikant divers minn dak li ċaħad it-talba preċedentment, ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1394/2023 li ġie notifikat lill-erbatax-il sekwestratarju fosthom lir-Reġistratur tal-Qorti.

4. Is-soċjetà appellanti għaddiet sabiex iddepożitat taħt l-awtorità tal-qorti l-ammont reklamat fil-mandat eżekuttiv u ottjeniet il-ħruġ ta' kontro mandat numru 1560/2023 fis-17 ta' Awwissu, 2023. Fiċ-ċedola ta' depożitu jingħad illi d-depożitu kien qiegħed isir sabiex jiġi ottenut il-

kontro mandat relattiv b'dan illi l-ammont depożitat "ghandu jigi rilaxxat lil min ghandu dritt ghalih skond l-ezitu tal -proċeduri li ser jigu prezentati" *ai termini* tal-Artikolu 45 u 46 tar-Regolament Brussels 1 Recast.

5. B'rikors tas-27 ta' Settembru, 2023 is-soċjetà appellanti talbet lill-Ewwel Qorti sabiex bis-saħħa tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tħassar għalkollox il-mandat eżekuttiv numru 1394/2023 wara li fost l-oħrajn invokat Artikolu 56A tal-Kap. 583.

6. B'risposta, għar-raġunijiet hemm mogħtija, l-appellat oppona t-talba għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

7. Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2023 l-Ewwel Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ħalliet ir-rikors għall-provvediment għas-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2023.

8. Fid-digriet finali appellat tas-26 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti qieset illi t-talba għar-revoka ta' mandat diġà revokat ma setgħatx tiġi kkunsidrata u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet. Għall-aħjar intendiment ser jiġu ċitati l-partijiet saljenti tad-digriet appellat:

> "Rat ir-rikors tas-soċjeta Videoslots Limited, preżentat nhar is-27 ta' Settembru 2023, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talbet hekk:
>
> > Għal dawn ir-raġunijiet, ... s-soċjeta sekwestrata titlob lil din l-Onorabbli Qorti, joġgħobha:

1. Tordna provizorjament illi jiġu limitati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1394/2023 bil-konsegwenza li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli u flejjes mis-sekwestranti sakemm jiġi deċiż r-rikors odjern, u dan b'notifika u/jew komunika l-urġenti lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili;

2. Tordna contario imperio, ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-tħassir għal kollox tal-att eżekuttiv odjern ossia l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1394/2023 fl-ismijiet Husnu Erdogdu [Karta tal-identita Awstrijaka Numru PA220494 debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu, l-Avukat Dr Sarah Sultana vs Videoslots Limited u l-ħruġ tal-kontromandati u notifiki opportuni skond il-liġi.

-omissis-

Illi l-fatti li taw lok għar-rikors odjern in suċċint huma s-segwenti:

• Permezz ta' sentenza (ta' l-ewwel istanza nhar it-12 ta' Settembru2022 u tat-tieni istanza nhar il-15 ta' Novembru 2022) mgħotija mill-qorti f'lAwstrija, is-soċjeta Videoslots Limited ġiet ikkundannata tħallas lil Husnu Erdogdu is-somma ta' €12,278.00.

• Is-sekwestranti talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fid-21 ta' Ġunju 2023 iżda it-talba ġiet miċħuda permezz ta' degriet datat 19 ta' Lulju 2023; saret talba għar-rikonsiderazzjoni tat-talba iżda b'degriet ieħor datat 26 ta' Lulju 2023 din it-tieni talba ġiet miċħuda ukoll b'mod li l-mandat mitlub ma nħariġx.

• Is-sekwestranti reġgħet għamlet talba oħra għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta, mingħajr ma infurmat lill-qorti bit-talba preċedenti li kienet ġiet miċħuda; it-talba intlaqgħet u l-mandat inħareġ f'l-4 ta' Awwissu 2023.

• Fis-17 ta' Awwissu 2023 is-socjeta sekwestrata, wara li ppremettiet li ser tikkontesta l-eżekuzzjoni tas-sentenza mgħotija mill-Qorti gewwa l-Awstrija fil-15 ta' Novembru 2022 iddepożitat is-somma ta' €19,464.80 liema somma kienet tirrappreżenta s-sorte, imgħax u spejjez pretiżi mill-intimata nomine. Dan l-ammont ġie depożitata "sabiex jiġi preżentat il-kontromandat relattiv" u ġie stipulat li l-ammont hekk depożitat "għandu jiġi rilaxxat lil min għandu dritt għalih skond l-eżitu tal-proċeduri li ser jiġu preżentati".

• Dak in-nhar stess is-soċjeta sekwestrata talbet il-ħruġ ta' kontromandat; fih ir-raġuni għat-talba tiegħu ġiet indikata hekk: "stante illi l-ammont pretiż ġie depożitat... b'dana pero illi r-Reġistratur tal-Qrati għandu jibqa marbut b'leffetti tal-mandat u dan sabiex jiġi assigurat li l-flejjes depożitati jibqgħu hekk depożitati". It-talba għall-ħruġ tal-kontromandat intlaqgħet fit-18 ta' Awwissu 2023.

- Is-soċjeta sekwestrata ippreżentat ir-rikors odjern permezz ta' liema qed titlob it-thassir tal-mandat maħruġ f'l-4 ta' Awwissu 2023. Fir-rikors odjern is-soċjeta sekwestrata m'għamlet l-ebda referenza għall-fatt li kienet talbet u ottjeniet il-ħruġ tal-kontromandat imsemmi.

Illi r-rikorrenti odjerna (is-soċjetà sekwestrata) tikkontendi li d-deċiżjoni permezz ta' liema l-ewwel talba għall-ħruġ tal-mandat ġiet miċħuda hija waħda finali u fin-nuqqas ta' ċirkostanzi ġodda ma tistax terġa ssir talba għall-ħruġ ta' mandat. Ir-rikorrenti odjern jallega ukoll li s-sekwestranti aġġixxiet b'mod żleali u abbużiv meta fit-tieni talba tagħha għall-ħruġ tal-mandat ma infurmatx lill-qorti bit-talba preċedenti tagħha li ġiet miċħuda.

Illi l-intimata odjerna (is-sekwetranti) da parti tagħha u preliminarjament tissottometti li l-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern stante li fir-rigward tal-mandat bin-numru 1394/2023 kien inħareġ kontromandat. Mingħajr preġudizzju għal dan l-intimata, fil-waqt li tispjega f'ċertu dettal għaliex fil-fehma tagħha il-Qorti kienet żbaljata meta ċahdet l-ewwel talba għall-hruġ tal-mandat u anke ħolqot inċertezza kbira, tissottometti li d-degriet tat-19 ta' Lulju 2023 (u dak tat-23 ta' Lulju 2023) ma joħolqx ġudikat u la darba, dejjem fil-fehma ta'l-intimata, fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'hemm l-ebda dispożizzjoni li tipprjobixxi ir-riproponiment ta' talba għal ħruġ ta' mandat eżekuttiv, ir-riproponiment da parti tagħha tat-talba għall-ħruġ ta' mandat mhiex abbużiva. L-intimata tallega ukoll li rinfaċċjata bid-degrieti tad-19 ta' Lulju 2023 u tat-23 ta' Lulju 2023 m'għandha l-ebda rimedju ieħor għajr għar-riproponiment tat-talba għall-ħruġ tal-mandat permezz ta' liema tista' tottjeni l-ezekuzzjoni tat-titolu tagħha.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal permezz ta' sentenza mgħotija mill-Qrati ta'l-Awstrija s-soċjeta rikorrenti ġiet ikkundannata tħallas l-ammont ta' €12,278.00 lil Husnu Erdogdu; l-intimata f'ismu pruvat tesegwixxi dak it-titolu f'Malta permezz ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Is-soċjeta rikorrenti pero tikkontendi li s-sentenza mgħotija f'l-Awstrija ma tistax tiġi esegwita f'Malta b'mod li hi ma tkunx tenuta tħallas l-ammont imsemmi, u jidher li l-istess soċjeta rikorrenti preżentat jew ser tippreżenta rikors ġuramentat biex tikkontesta b'mod formali l-eżegwibilita f'Malta tat-titolu li għandha l-intimata nomine. Ġara pero li meta l-intimata ottjeniet il-ħruġ tal-mandat ir-rikorrenti iddepożitat l-ammonti mitluba fil-mandat biex jiġu żbankati minn min għandu dritt għalihom wara li jiġi deċiż r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti. Aktar minn hekk, u kontestwalment mad-depożitu effetwat, ir-rikorrenti ħarġet kontromandat fir-rigward tal-mandat li tiegħu qed tintalab ir-revoka; il-kontromandat inħareġ b'riżerva fis-sens li r-Registratur tal-Qorti kellu jibqa' marbut b'l-effetti tiegħu fir-rigward ta'l-flus depożitati sa kemm il-pretensjoni tar-rikorrenti tiġi determinata.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tistqarr li hija xi ftit perplessa kif mandat maħruġ in eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv ta' l-intimata jista' jibqa fis-seħħ, jew li wieħed mis-sekwestratarji jibqa' marbut bl-effetti tiegħu, biex jaqdi funzjoni ta' mandat kawtelatorju u jikkawtela pretensjoni tas-soċjeta sekwestrata dedotta permezz ta' rikors ġuramentat. Pero bħala stat ta' fatt il-kontromandat inħareġ u issa din il-Qorti hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn qed tintalab ir-revoka ta' mandat li fil-konfront tiegħu diġa inħareġ kontromandat.

Illi jidher li l-qrati taghna diġa ġew rinfaċċjati b'sitwazzjoni li fiha ukoll kienet qed tintalab ir-revoka ta' mandat eżekuttiv li fir-rigward tiegħu kien inħareġ kontromandat wara li l-ammont ikanonizzat kien gie depozitat il-qorti. Għandu jiġi preċiżat li ċ-ċirkostanzi tal-każ li għalih qed issir referenza kienu pjuttost differenti għax kienu jirrigwarda mandat eżekuttiv ta' arrest fuq vapur u mhux mandat ta' sekwestru.

-omissis-

Illi minn dan il-bran jidher li l-motivazzjoni prinċipali tal-Qorti ta'l-Appell meta ippermettiet l-azzjoni għar-revoka tal-mandat fit-termini ta' l-artikolu 281 meta l-mandat kien diġa tħassar bil-ħruġ ta' kontromandat, kienet radikata fil-fatt li l-bastiment f'dak il-każ, f'l-interess mhux biss tiegħu innifsu imma anke possibilment tal-kontroparti, ried jillimita d-danni li kienu qed jiġu kawżati billi l-bastiment inżamm milli jbaħħar u li l-aktar mod spediet biex il-bastiment ikun jista' jerġa jibda jbaħħar kien il-ħruġ ta'kontromandat. Fil-kaz odjern is-sitwazzjoni hija radikalment differenti u ma kien hemm l-ebda urġenza simili biex jinħareġ il-kontromandat, għalhekk ir-rikorrenti setgħet faċilment prevalixxiet ruħha mill-azzjoni prospettata f'l-artikolu 281, azzjoni li tasal għal konklużjoni fi żmienijiet qosra ħafna, biex tottjeni it-thassir tal-mandat u konsegwentement l-effetti tiegħu.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tordna t-tħassir ta' mandat li m'għadux fis-seħħ.

Għal dawn il-motivi fil-waqt illi tirrevoka contrario imperio d-degriet tagħha tas-6 ta' Ottubru 2023 permezz ta' liema tat ordni proviżorja sakemm jiġi deċiz dan ir-rikors, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tas-soċjeta rikorrenti b'l-ispejjez kontra tagħha".

9. B'rikors tal-appell intavolat fl-1 ta' Novembru, 2023 l-appellanti, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed titlob lil din il-Qorti, "tirrevoka u tħassar d-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti tas-26 ta' Ottubru, 2023 mogħti fir-rikors numru 1107/2023DC u tiddikjara illi jeżistu l-estremi

mitluba mill-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ghar-revoka tal-Mandat ta' sekwestru bin-numru 1394/2023 u konsegwentement tilqa' t-talba ghar-revoka tal-mandat tas-soċjetà esponenti…"

10. Fil-11 ta' Diċembru 2023 l-appellat ippreżenta risposta għall-appell fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab illi l-appell jiġi miċħud u d-digriet appellat jiġi kkonfermat.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**:

11. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha s-soċjetà appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ddikjarat illi "ma tistax tordna t-thassir ta' mandat li m'ghadux fis-sehh." L-appellanti żżid tgħid illi nonostante li nħareġ il-kontro mandat, "l-effetti tal-mandat … ghadhom fis-sehh fil-konfront tar-Registratur tal-Qrati li ghadu qieghed izomm l-ammont indikat fis-sekwestru…..". Tispjega l-appellanti illi kienet iddepożitat taħt l-awtorità tal-qorti l-ammont indikat fis-sekwestru eżekuttiv impunjat peress li altrimenti l-ammont indikat fih bħala sorte kien ser jiġi depożitat minn diversi banek indikati fil-mandat eżekuttiv bħala sekwestratarji. Bid-depożitu u l-otteniment tal-kontro mandat jiġu evitati depożiti multipli tal-istess ammont mid-diversi banek bi preġudizzju konsiderevoli għall-

appellanti. Tgħid l-appellanti illi hija qiegħda titlob li jiġi rifjutat ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi esteri permezz tal-proċedura kontemplata f'Artikoli 45 u 46 tar-Regolament Brussels I Recast, kif ukoll is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza estera *ai termini* tal-Artikolu 44 tar-Regolament Ewropew imsemmi pendenti l-eżitu tal-kawża. Tgħid illi l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx għal-liema proċeduri s-sekwestrata kienet qed tirreferi. Tgħid illi ġaladarba fir-rikors għall-kontro mandat jingħad illi r-Reġistratur tal-Qrati "għandu jibqa' marbut bl-effett tal-mandat nru 1394/2023", ma jistax jitqies li l-mandat 1394/2023 ma għadux jeżisti.

12. Fir-risposta tiegħu l-appellat jilqa' għall-appell billi bħala linja ġenerali jissottometti li fir-rikors revoka *ai termini* tal-Artikolu 281 l-appellanti ma resqitx ir-raġunijiet li issa qed tressaq fl-istadju tal-appell. Jgħid l-appellat illi għalkemm il-kontro mandat inħareġ fis-17 ta' Awwissu, 2023, fir-rikors revoka ppreżentat aktar minn xahar wara ma jissemma xejn li l-appellanti kienet effettwat depożitu taħt l-awtorità tal-qorti u ottjeniet il-ħruġ tal-opportun kontro mandat. Jisħaq l-appellat illi ma hux permissibbli sottomissjonijiet ġodda fi stadju tal-appell li ma jkunux tressqu quddiem l-Ewwel Qorti.

13. Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-appellat jgħid illi l-appellanti hija skorretta meta tissottometti li l-mandat għadu fis-seħħ kontra r-Reġistratur tal-Qrati. Jissottometti illi bil-fatt li fir-rikors revoka l-appellanti qalet illi kienet qed torbot lir-Reġistratur milli jirrilaxxja l-flus depożitati, ma jfissirx b'daqshekk li l-mandat għadu *in vigore*. Jisħaq illi meta nħareġ il-kontro mandat il-mandat tħassar *in toto.* Ikompli jissottometti illi l-obbligu tar-Reġistratur li ma jirrilaxxjax il-flus depożitati taħt l-awtorità tal-qorti ma joħroġx mill-mandat li ma għadux fis-seħħ iżda mill-kondizzjoni nkluża fiċ-ċedola ta' depożitu li rabtet lir-Reġistratur li ma jirrilaxxjax dawk il-flus qabel isseħħ il-kondizzjoni hemm imsemmija.

14. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa manifestament infondat. L-asserzjoni tal-appellanti illi l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1392/23 għadu *in vigore* għaliex fir-rikors / formola għall-ħruġ tal-kontro mandat tniżżlu l-kliem "illi r-Registratur tal-Qrati ghandu jibqa marbut bl-effetti tal-mandat nru 1394/2023 u dan sabiex jigi assigurat illi l-flejjes depozitati jibqghu hekk depozitati" hija *non sequitur*. Jekk l-appellanti riedet illi l-mandat eżekuttiv maħruġ kontra tagħha fuq talba tal-appellat jibqa' *in vigore* kontra tagħha limitatament fir-rigward tar-Reġistratur tal-Qrati, ma kellhiex titlob ir-revoka *in toto* tal-mandat. It-talba fir-rikors/formola tas-17 ta' Awwissu, 2023 kienet sabiex il-qorti "tordna l-ħruġ tal-opportun kontromandat". Appena b'digriet tat-18 ta'

Awwissu, 2023 ġie akkordat dak ir-rikors, il-mandat eżekuttiv numru 1394/2023 tneħħa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

15. <u>Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellanti msejjes fuq il-pretensjoni illi nonostante l-ħruġ tal-kontro mandat 1560/2023 il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1394/2023 xorta waħda baqa' *in vigore* fil-konfront tar-Reġistratur tal-Qorti, mhux mistħoqq u qed jiġi miċħud.</u>

16. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tagħha l-appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta stqarret illi sabiex tottjeni l-kontro mandat is-sekwestrata "setghat facilment prevalixxiet ruhha mill-azzjoni prospettata fl-Artikolu 281, azzjoni li tasal ghal konkluzjoni fi zmienijiet qosra hafna….". Tgħid illi l-proċedura taħt l-Artikolu 281 tista' ddum sa xahar sabiex tiġi konkluża, dejjem jekk is-sekwestrant jiġi notifikat, filwaqt li Artikolu 376 (2) (e) tal-Kap. 12 jorbot lis-sekwestratarji b'perijodu ta' dsatax-il jum min-notifika tal-mandat sabiex jiddepożiotaw l-ammont sekwestrat taħt l-awtorità tal-qorti. Tgħid l-appellanti illi hija kienet taf li kien hemm numru ta' sekwestratarji li kienu notifikati li kellhom fil-pussess tagħhom flejjes tagħha, u li kien għalhekk li rrikorriet għall-proċedura tad-depożitu u tar-rikors għall-ħruġ tal-kontro mandat sabiex primarjament tevita li jinqabdu aktar flus minn dawk neċessarji. Issostni l-appellanti illi dik minnha intrapriża kienet l-unika triq disponibbli sabiex tevita r-riskju li

jsiru depożiti minn diversi sekwestratarji tal-istess ammont sekwestrat b'dannu għaliha.

17. L-appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid illi mhux minnu li kien hemm l-urġenza li qed tinsisti dwarha l-appellanti. Jgħid illi ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellanti milli tiddepożita l-flus taħt l-awtorità tal-qorti u li fiċ-ċedola minflok ma tgħid illi beħsiebha tmexxi bil-proċeduri ta' rifjut taħt ir-Regolament 1215/2012; setgħat tgħid illi d-depożitu kien qed isir għar-raġunijiet li qed jissemmew issa fl-appell, raġunijiet li ma ssemmewx fir-rikors li wassal għad-digriet appellat. Jgħid ukoll l-appellat illi l-appellanti kienet żleali meta damet aktar minn xahar mill-ħruġ tal-kontro mandat sabiex tippreżenta r-rikors promotur f'dawn il-proċeduri taħt Artikolu 281 tal-Kap. 12. Jgħid li din kienet tattika tal-appellanti peress li ftit qabel kienu ngħataw digrieti li permezz tagħhom mandati eżekuttivi simili kienu ġew revokati. Jgħid illi l-ħsieb tal-appellanti kien li tikkontesta l-eżekuzzjoni tas-sentenza estera *ai termini* tal-Regolament UE 1215/2012 u minflok istitwit il-proċeduri odjerni. Iqis għalhekk l-appellat illi għandha tiġi segwita l-massima *electa una via non datur recursus ad alteram*.

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti anke t-tieni aggravju ma hux fondat. L-osservazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti fid-digriet appellat illi kien hemm il-

proċedura taħt Artikolu 281 disponibbli lill-appellanti minflok titlob il-ħruġ ta' kontro mandat minħabba ċedola ta' depożitu, ma kinitx ir-raġuni għaliex ir-rikors revoka ġie miċħud. Kienet osservazzjoni li l-Ewwel Qorti għamlitha peress li qieset illi l-proċedura taħt Artikolu 281 kienet tagħti r-rimedju adegwat b'urġenza.

19. Fil-verità l-Ewwel Qorti qieset illi ma kellhiex titratta u tiddeċiedi l-mertu tar-rikors revoka mhux għaliex l-appellanti setgħat tieħu triq proċedurali diversa minn dik li effettivament ħadet; iżda għaliex ikkunsidrat li ma setgħatx tikkunsidra talba għar-revoka tal-mandat eżekuttiv numru 1394/2023 peress li kkonkludiet, kif sabet ukoll din il-Qorti, li kien ġia revokat fl-intier tiegħu permezz tal-kontro mandat numru 1560/23. Isegwi minn dan illi l-osservazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti, li minnha l-appellanti qed tappella permezz tat-tieni aggravju ma kinitx ir-raġuni li waslet lill-Ewwel Qorti għad-digriet appellat. F'dan is-sens qed tiċħad it-tieni aggravju.

20. Fl-aħħarnett din il-Qorti tosserva illi nonostante li l-appellanti ddikjarat diversi drabi illi sejra tistitwixxi proċeduri ġudizzjarji *ai termini* tal-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament Brussels I Recast, sabiex jiġi deċiż jekk is-sentenza mogħtija mill-Qorti Awstrijaka a favur l-appellat kellhiex tiġi eżegwita hawn Malta, ma jirriżultax mill-atti li ħadet dik l-azzjoni.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Giovanni Grixti<br>Imħallef | Ian Spiteri Bailey<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm